IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2012
COM(2012) 745 final

2012/0353 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 dwar ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") fl-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ"), fl-importazzjonijiet ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja.

### Il-kuntest ġenerali

Din il-proposta qed issir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat tal-investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu.

### Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-miżuri fis-seħħ attwalment kienu imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

### Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

### Ġbir u użu tal-kompetenzi

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

### Valutazzjoni tal-impatt

Din il-proposta tirriżulta mill-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni ġenerali tal-impatt iżda fih lista eżawrjenti ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu vvalutati.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

**Taqsira tal-azzjoni proposta**

Fl-24 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 437/2012, dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2011 dwar importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ, fl-importazzjonijiet ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le.

Il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku li fiha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kienu qegħdin jiġu evitati permezz ta' trasbord mit-Tajwan u t-Tajlandja.

Din it-talba tressqet fl-10 ta' April 2012 minn Saint Gobain Adfors CZ s.r.o., Tolnatext Fonalfeldolgozo es Muszakiszövet-gyarto Bt., Valmieras "Stikla Skiedra" AS u Vitrulan Technical Textiles GmbH, erba' produtturi fl-Unjoni ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

Il-proposta mehmuża għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq dak li ħareġ mill-investigazzjoni, li kkonferma li kien qed isir trasbord mit-Tajwan u t-Tajlandja ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ta' oriġini Ċiniża u li ġew sodisfatti l-kriterji l-oħrajn kollha li jistabbilixxu evażjoni kif stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

Huwa għalhekk propost li l-miżuri anti-dumping li hemm fis-seħħ għal ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-RPĊ jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinjat mit-Tajwan u t-Tajlandja. Id-dazju jikkorrispondi għad-dazju li japplika għall-pajjiż kollu fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ (62,9%). Id-dazju għandu jitħallas mid-data tat-tnedija tal-investigazzjoni.

L-ebda waħda mill-kumpaniji fit-Tajwan u t-Tajlandja ma ppreżentat ruħha wara l-ftuħ tal-investigazzjoni, b'hekk ma hemm l-ebda talbiet għal eżenzjoni minn estensjoni possibbli tal-miżuri kurrenti.

Ir-Regolament tal-Kunsill rilevanti għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mhux aktar tard mit-23 ta' Frar 2013.

**Bażi ġuridika**

Ir-Regolament (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għal dawn ir-raġunijiet:

Il-forma tal-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tħallix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

Ma tapplikax indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, fuq il-gvernijiet nazzjonali, fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali, fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq iċ-ċittadini, huwa mnaqqas kemm jista' jkun u proporzjonat għall-għan tal-proposta.

**L-għażla tal-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja: Ir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jistipulax għażliet alternattivi.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

2012/0353 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li jestendi d-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 791/2011 dwar ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Il-PROĊEDURA

1.1. Il-miżuri eżistenti

(1) Bir-Regolament (UE) Nru 791/2011[2], ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv ta' 62.9 % fuq importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("ir-RPĊ") għall-kumpaniji l-oħrajn kollha ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Anness 1 ta' dak ir-Regolament. Dawn il-miżuri minn issa 'l quddiem se jissejħu "l-miżuri fis-seħħ" u l-investigazzjoni li wasslet biex jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

1.2. It-talba

(2) Fl-10 ta' April 2012, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u biex l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk ikunu ddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le, isiru soġġetti għar-reġistrazzjoni.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

[2] ĠU L 204, 9.8.2011, p. 1.

(3) Din it-talba tressqet minn Saint-Gobain Adfors CZ s.r.o., Tolnatext Fonalfeldolgozo es Muszakiszovet-gyarto Bt., Valmieras "Stikla Skiedra" AS u Vitrulan Technical Textiles GmbH, erba' produtturi fl-Unjoni ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

(4) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza *prima facie* biex, wara li ġew imposti l-miżuri fis-seħħ, kien hemm bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li jinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ, it-Tajwan u t-Tajlandja lejn l-Unjoni, li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ. Din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ allegatement nibtet mit-trasbord ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-RPĊ permezz tat-Tajwan u t-Tajlandja.

(5) Barra minn hekk, l-evidenza enfasizzat il-fatt li l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ kienu qed jiddgħajfu kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' prezz. L-evidenza wriet li ż-żieda fl-importazzjonijiet mit-Tajwan u t-Tajlandja saret bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz li ma jikkawżax dannu stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(6) Fl-aħħar nett, kien hemm evidenza li l-prezzijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ kkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja kienu l-oġġett tad-dumping b'rabta mal-valur normali stabbilit matul l-investigazzjoni oriġinali.

## 1.3. Bidu

(7) Meta wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni ddeterminat li hemm biżżejjed evidenza *prima facie* biex tinbeda investigazzjoni skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 437/2012[3] ("ir-Regolament li jagħti bidu"). Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, skont ir-Regolament li jagħti bidu, ordnat ukoll lill-awtoritajiet tad-dwana biex jiddokumentaw l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja.

## 1.4. Investigazzjoni

(8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-RPĊ, it-Tajwan u t-Tajlandja, lill-produtturi esportaturi f'dawk il-pajjiżi, lill-importaturi magħrufa fl-Unjoni li huma kkonċernati u lill-industrija tal-Unjoni, bil-bidu tal-investigazzjoni. Intbagħtu kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi magħrufa tar-RPĊ, it-Tajwan u t-Tajlandja magħrufa mill-Kummissjoni mit-talba jew permezz tal-Uffiċċju Rappreżentattiv ta' Taipei u l-Missjoni tar-Renju tat-Tajlandja għall-Unjoni Ewropea. Il-kwestjonarji ntbagħtu wkoll lill-importaturi fl-Unjoni msemmija fit-talba. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament li jagħti bidu. Il-partijiet kollha kienu infurmati li nuqqas ta' kooperazzjoni tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal sejbiet li jkunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(9) Il-kwestjonarju kontra l-evażjoni ntbagħat lil tmien kumpaniji fit-Tajwan u lil seba' kumpaniji fit-Tajlandja. Xi kumpaniji Tajwaniżi u Tajlandiżi ppreżentaw ruħhom u sostnew li ma jridux jitqiesu bħala partijiet interessati peress li ma jipproduċux il-

[3] ĠU L 134, 24.5.2012, p. 12.

prodott investigat u/jew ma għandhom l-ebda esportazzjonijiet lejn l-Unjoni. Il-kumpaniji magħrufa li jifdal miż-żewġ pajjiżi kkonċernati ma ppreżentawx ruħhom. L-ebda waħda mill-kumpaniji ma ressqet tweġiba għall-kwestjonarju. Il-kwestjonarju kontra l-evażjoni ntbagħat ukoll lil 44 kumpanija fir-RPĊ. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi fir-RPĊ ma ppreżenta ruħu jew bagħat il-kwestjonarju. Intbagħtu kwestjonarji wkoll lill-importaturi fl-Unjoni imma l-ebda wieħed minnhom ma ppreżenta ruħu jew bagħat tweġiba għall-kwestjonarju.

1.5. Perjodu ta' investigazzjoni

(10) Il-perjodu ta' investigazzjoni kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2012 ("il-PI"). Id-dejta nġabret għall-PI sabiex tiġi investigata, fost l-oħrajn, il-bidla allegata fix-xejra tal-kummerċ. Inġabret dejta aktar dettaljata għall-perjodu tar-rappurtaġġ bejn l-1 ta' April 2011 u l-31 ta' Marzu 2012 ("il-PR") sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà tal-imminar tal-effett rimedjali tal-miżuri fis-seħħ u l-possibbiltà tal-eżistenza tad-dumping.

2. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

2.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(11) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' evażjoni saret billi ġie analizzat b'mod suċċessiv jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ, it-Tajwan, it-Tajlandja u l-Unjoni; jekk din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ nibtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju; jekk kienx hemm evidenza ta' ħsara jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju ġewx kompromessi f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet tal-prodott investigat; u jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodotti simili fl-investigazzjoni oriġinali, jekk hemm bżonn skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

2.2. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat

(12) Il-prodott ikkonċernat huwa kif definit fl-investigazzjoni oriġinali: Drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, b'daqs taċ-ċellula ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul u kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m$^2$, esklużi d-diski tal-ħġieġ tal-fibra, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00.

(13) Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda jiġi kkunsinjat mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarat li joriġina mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le.

(14) L-investigazzjoni wriet li d-drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, kif definiti hawn fuq, esportati lejn l-Unjoni mir-RPĊ u dawk ikkunsinjati lill-Unjoni mit-Tajwan u t-Tajlandja għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi u l-istess użu, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. Grad ta' kooperazzjoni u determinazzjoni tal-volumi tal-kummerċ

*It-Tajwan*

(15) Kif intqal fil-premessa (9), l-ebda waħda mill-kumpaniji ma bagħtet tweġiba għall-kwestjonarju, jiġifieri ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Tajwaniżi, u għaldaqstant ma saru l-ebda żjarat ta' verifika fuq il-post. Is-sejbiet fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mit-Tajwan lejn l-Unjoni u l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn it-Tajwan kellhom isiru parzjalment abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ id-dejta tal-COMEXT intużat biex tiddetermina l-volumi ta' importazzjoni ġenerali mit-Tajwan lejn l-Unjoni u l-istatistika nazzjonali Ċiniża ntużat għad-determinazzjoni tal-esportazzjonijiet ġenerali mir-RPĊ lejn it-Tajwan.

*It-Tajlandja*

(16) Il-produtturi esportaturi Tajlandiżi lanqas ma kkooperaw peress li lanqas huma ma bagħtu tweġibiet għall-kwestjonarju, b'hekk ma saru l-ebda żjarat ta' verifika fuq il-post. Is-sejbiet fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mit-Tajwan lejn l-Unjoni u l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn it-Tajwan kellhom isiru parzjalment abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ id-dejta tal-COMEXT intużat biex tiddetermina l-volumi ta' importazzjoni ġenerali mit-Tajlandja lejn l-Unjoni u l-istatistika nazzjonali Ċiniża ntużat għad-determinazzjoni tal-esportazzjonijiet ġenerali mir-RPĊ lejn it-Tajlandja.

*Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina*

(17) Il-produtturi esportaturi Ċiniżi ma kkooperawx. Għalhekk, is-sejbiet fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni u l-esportazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ lejn it-Tajwan u t-Tajlandja kellhom isiru parzjalment abbażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ ukoll intużat id-dejta tal-COMEXT biex jiġu ddeterminati l-volumi globali tal-importazzjoni mir-RPĊ lejn l-Unjoni. Intużat l-istatistika nazzjonali Ċiniża biex jiġu stabbiliti l-esportazzjonijiet kumplessivi lejn it-Tajwan u t-Tajlandja mir-RPĊ.

(18) Il-volum ta' importazzjonijiet irreġistrati fl-istatistika tal-COMEXT ikopri grupp akbar ta' prodotti mill-prodott ikkonċernat u mill-prodott investigat. Madankollu, abbażi tal-istimi pprovduti mill-industrija tal-Unjoni, seta' jiġi stabbilit li parti sinifikanti ta' dan il-volum importat kopriet il-prodott ikkonċernat u l-prodott investigat. Għaldaqstant, din id-dejta setgħet tintuża biex tiġi stabbilita bidla fix-xejra tal-kummerċ.

2.4. Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ

*L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ*

(19) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu b'mod drammatiku wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fi Frar 2011[4] u tal-miżuri definittivi f'Awwissu 2011 mir-Regolament oriġinali.

[4] ĠU L 43, 17.2.2011, p. 9.

*It-Tajwan*

(20) L-esportazzjonijiet totali tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti fl-2011 u partikolarment wara l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi f'Awwissu 2011. Skont id-dejta tal-COMEXT, l-esportazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni żdiedu drastikament fit-tieni semestru tal-2011 filwaqt li kienu f'livelli insinifikanti fis-snin ta' qabel. Dawn l-importazzjonijiet splodew ulterjorment fil-kwart tas-sena Jannar-Marzu 2012, wara l-bidu f'Novembru 2011 tal-investigazzjoni kontra l-evażjoni dwar drappijiet b'malja miftuħa li joriġinaw mir-RPĊ u kkunsinjati permezz tal-Malasja[5]. Din ix-xejra hija kkonfermata wkoll mill-istatistika Ċiniża korrispondenti fir-rigward tal-esportazzjonijiet mit-Tajwan lejn ir-RPĊ ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

*It-Tajlandja*

(21) Fejn jikkonċerna t-Tajlandja, l-esportazzjonijiet totali tal-prodott investigat lejn l-Unjoni żdiedu drastikament ukoll fl-2011. Skont id-dejta tal-COMEXT, l-esportazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni żdiedu fil-kwart tas-sena Ġunju-Awwissu 2011 filwaqt li kienu f'livelli insinifikanti fis-snin ta' qabel. Dawn l-importazzjonijiet jippreżentaw ukoll żieda ulterjuri fil-kwart tas-sena Jannar-Marzu 2012, wara l-bidu f'Novembru 2011 tal-investigazzjoni kontra l-evażjoni dwar drappijiet b'malja miftuħa li joriġinaw mir-RPĊ u kkunsinjati permezz tal-Malasja[6]. Din ix-xejra hija kkonfermata wkoll mill-istatistika Ċiniża korrispondenti fir-rigward tal-esportazzjonijiet lejn it-Tajlandja mir-RPĊ ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ.

(22) It-Tabella 1 turi l-kwantitajiet ta' importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ, it-Tajwan u t-Tajlandja lejn l-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2009 sat-31 ta' Marzu 2012.

| Volumi ta' importazzjoni<br><br>(miljuni ta' m$^2$) | **2009** | **2010** | **2011** | **1/4/2011 – 31/3/2012** |
|---|---|---|---|---|
| **ir-RPĊ** | 294,90 | 383,72 | 193,07 | 121,30 |
| **it-Tajwan** | 1,33 | 1,03 | 10,67 | 17,07 |
| **it-Tajlandja** | 0,66 | 0,04 | 10,40 | 24,11 |

Sors : L-istatistika tal-COMEXT

Id-dejta tal-COMEXT hija pprovduta f'kilogrammi filwaqt li l-kejl tal-prodott ikkonċernat ikun f'metri kwadri. L-Industrija tal-Unjoni pprovdiet rati ta' konverżjoni għaż-żewġ kodiċijiet koperti mill-proċediment li ntużaw għall-kalkolu taċ-ċifri fit-Tabelli.

5 ĠU L 292, 10.11.2011, p. 4.
6 ĠU L 292, 10.11.2011, p. 4.

(23) Id-dejta ta' hawn fuq turi li l-importazzjonijiet fl-Unjoni mit-Tajwan u t-Tajlandja kienu negliġibbli fl-2009 u l-2010. Madankollu, fl-2011, wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-importazzjonijiet żdiedu f'daqqa u ħadu post parti mill-esportazzjonijiet mir-RPĊ fis-suq tal-Unjoni f'termini ta' volum. Barra minn hekk, minn mindu ġew imposti l-miżuri fis-seħħ, it-tnaqqis tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni kien wieħed sinifikanti (70%).

*Esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn it-Tajwan u t-Tajlandja*

(24) Matul l-istess perjodu, tista' tiġi osservata wkoll, żieda drammatika fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn it-Tajwan ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ. Minn ammont relattivament żgħir fl-2009 (748 000 $m^2$), l-esportazzjonijiet żdiedu għal 14,39 miljun $m^2$ fil-PR.

(25) It-Tabella 2 ta' hawn taħt turi l-esportazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ lejn it-Tajwan mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2012.

| it-Tajwan | **2009** | **2010** | **2011** | **1/4/2011 – 31/3/2012** |
|---|---|---|---|---|
| **Kwantità (miljun $m^2$)** | 0,75 | 2,45 | 7,58 | 14,39 |
| ***Bidla annwali (%)*** | | *227%* | *209%* | *90%* |
| ***Indiċi (2009=100)*** | *100* | *327* | *1011* | *1919* |

Sors : L-istatistika Ċiniża

(26) L-istess xejra tista' tiġi osservata għall-esportazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ lejn it-Tajlandja. Il-volum ta' esportazzjoni fl-2009 kien biss ta' 1,83 miljun $m^2$ filwaqt li fil-PR sploda għal 41,70 miljun $m^2$.

(27) It-Tabella 3 ta' hawn taħt turi l-esportazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ lejn it-Tajlandja mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2012.

| it-Tajlandja | **2009** | **2010** | **2011** | **1/4/2011 – 31/3/2012** |
|---|---|---|---|---|
| **Kwantità (miljun $m^2$)** | 1,83 | 9,80 | 25,51 | 41,70 |
| ***Bidla annwali (%)*** | | *436%* | *160%* | *63%* |
| ***Indiċi (2009=100)*** | *100* | *535* | *1394* | *2279* |

Sors : L-istatistika Ċiniża

(28) Biex tiġi stabbilita x-xejra tal-fluss kummerċjali ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ mir-RPĊ lejn it-Tajwan u t-Tajlandja, tqieset l-istatistika Ċiniża, għalkemm, din kienet disponibbli biss f'livell ogħla tal-grupp tal-prodott minn tal-

prodott ikkonċernat. Fid-dawl tad-dejta tal-COMEXT u l-istimi pprovduti mill-industrija tal-Unjoni dwar il-volumi kklassifikati taħt iż-żewġ kodiċi NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00, madankollu jista' jiġi stabbilit li l-prodott ikkonċernat ikopri parti sinifikanti tal-istatistika Ċiniża. Għalhekk, din id-dejta tista' tiġi kkunsidrata.

(29) It-Tabelli 1 sa 3 ta' hawn fuq juru biċ-ċar li t-tnaqqis drastiku ta' esportazzjonijiet Ċiniżi ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ lejn l-Unjoni kien segwit minn żieda sinifikanti ta' esportazzjonijiet Ċiniżi ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ lejn it-Tajwan u t-Tajlandja, b'żieda drastika sussegwenti ta' esportazzjonijiet Tajwaniżi u Tajlandiżi ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ lejn l-Unjoni fil-PR.

*Volumi ta' produzzjoni fit-Tajwan u t-Tajlandja*

(30) Peress li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-kumpaniji fit-Tajwan u t-Tajlandja, l-ebda informazzjoni ma setgħet tinkiseb fuq il-livelli possibbli tal-produzzjoni ġenwina tal-prodott investigat f'dawn iż-żewġ pajjiżi.

2.5. Il-konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ

(31) It-tnaqqis ġenerali fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni u ż-żieda parallela tal-esportazzjonijiet mit-Tajwan u t-Tajlandja lejn l-Unjoni u fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn it-Tajwan u t-Tajlandja rispettivament, wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fi Frar 2011 u tal-miżuri definittivi f'Awwissu 2011 jikkostitwixxu bidla fix-xejra kummerċjali bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq, minn naħa u l-esportazzjonijiet ta' dawk il-pajjiżi lejn l-Unjoni, min-naħa l-oħra.

2.6. In-natura tal-prattika ta’ evażjoni

(32) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess u l-ħidma jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott suġġetta għall-miżuri permezz ta' pajjiżi terzi.

*Trasbord*

(33) Il-Kummissjoni għandha evidenza rigward kuntatti ta' negozju ta' operaturi Ċiniżi ma' importaturi fl-Unjoni li jikkonfermaw l-eżistenza ta' prattiki ta' trasbord permezz tat-Tajlandja. Barra minn hekk in-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kull wieħed mill-produtturi tal-prodott investigat fit-Tajwan u t-Tajlandja juri prassi ta' trasbord li sseħħ f'dawk il-pajjiżi fir-rigward ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ. Barra minn hekk, iż-żieda reċenti fl-importazzjonijiet minn dawn iż-żewġ pajjiżi tindika li dan huwa dovut għall-kummerċjanti Tajwaniżi u Tajlandiżi li qed jittrasbordaw prodotti Ċiniżi lejn l-Unjoni.

(34) L-eżistenza ta' trasbord ta' prodotti ta' oriġini Ċiniża mit-Tajwan u t-Tajlandja, hija għalhekk ikkonfermata.

2.7. Nuqqas ta’ raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping

(35) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għat-trasbord ħlief l-evażjoni tal-miżuri fis-seħħ tal-prodott ikkonċernat. Ma nstab l-ebda element, għajr għad-dazju, li seta' jitqies bħala kumpens għall-ispejjeż tat-trasbord, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-tagħbija mill-ġdid, ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-RPĊ permezz tat-Tajwan u t-Tajlandja.

2.8. L-imminar tal-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping

(36) Biex jiġi vvalutat jekk il-prodott importat investigat, f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet, imminax l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, intużat id-dejta tal-COMEXT bħala l-aħjar dejta disponibbli dwar il-kwantitajiet u l-prezzijiet ta' esportazzjonijiet minn kumpaniji li ma kkoperawx fit-Tajwan u t-Tajlandja. Il-prezzijiet kif stabbiliti tqabblu mal-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu stabbilit għall-produtturi tal-Unjoni fil-premessa (74) tar-Regolament oriġinali.

(37) Iż-żieda tal-importazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni minn 1,03 miljun $m^2$ fl-2010 għal 17,07 miljun $m^2$ fil-PR, tqieset bħala sinifikanti f'termini ta' kwantitajiet.

(38) Hekk ukoll, iż-żieda tal-importazzjonijiet mit-Tajlandja lejn l-Unjoni minn 40 000 $m^2$ fl-2010 għal 24,11 miljun $m^2$ fil-PR, tqieset bħala sostanzjali f'termini ta' kwantitajiet.

(39) It-tqabbil tal-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-prezz medju peżat tal-esportazzjoni (iddeterminat f'din l-investigazzjoni għat-Tajwan u t-Tajlandja rispettivament u aġġustat għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni u l-aġġustamenti tal-kwalità stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali) wera bejgħ taħt il-prezz sinifikanti għaż-żewġ pajjiżi kkonċernati. Għaldaqstant ġie konkluż li l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ qed jiġu mminati kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet.

2.9. Evidenza ta' dumping

(40) Finalment, b'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valur normali stabbilit preċedentement fl-investigazzjoni oriġinali.

(41) Fir-Regolament oriġinali, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet fil-Kanada, li f'dik l-investigazzjoni nstab li kien pajjiż b'ekonomija tas-suq adegwata li hija analoga għar-RPĊ. Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġie kkunsidrat xieraq li jintuża l-valur normali kif stabbilit qabel fl-investigazzjoni oriġinali.

(42) Il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet mit-Tajwan u t-Tajlandja, rispettivament kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri fuq il-prezz medju tal-esportazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ matul il-PR kif irrappurtat fil-COMEXT. L-użu tal-fatti disponibbli kien ġej min-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' kull produttur tal-prodott investigat fiż-żewġ pajjiżi kkonċernati.

(43) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, saru aġġustamenti għad-differenzi fit-trasport, l-assikurazzjoni, u l-ispejjeż

tal-imballaġġ. Minħabba li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi fit-Tajwan, it-Tajlandja u r-RPĊ, l-aġġustamenti kellhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-aħjar fatti disponibbli. B'hekk, l-aġġustament għal dawn il-konċessjonijiet kien ibbażat fuq perċentwal ikkalkulat bħala l-proporzjon tal-ispejjeż totali tat-trasport, l-assikurazzjoni u l-imballaġġ fuq il-valur tat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ fl-Unjoni b'termini ta' konsenja CIF ipprovduti mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fl-investigazzjoni oriġinali.

(44) Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, id-dumping ġie kkalkulat billi tqabbel il-valur normali medju peżat kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-prezzijiet medji peżati tal-esportazzjoni korrispondenti taż-żewġ pajjiżi kkonċernati matul il-PR ta' din l-investigazzjoni, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF f'dazju mhux imħallas fil-fruntiera tal-Unjoni.

(45) It-tqabbil tal-valur normali medju peżat u l-prezzijiet medji peżati tal-esportazzjonijiet kif stabbiliti wera dumping.

3. MIŻURI

(46) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li d-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ li joriġinaw mir-RPĊ kien ġie evitat permezz tat-trasbord mit-Tajwan u t-Tajlandja skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(47) Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-prodott investigat, jiġifieri l-istess prodott imma kkonsenjat mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarat li joriġina mt-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le.

(48) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni f'din l-investigazzjoni, il-miżuri li jridu jiġu estiżi għandhom ikunu l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 791/2011 għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha", li bħalissa huwa dazju definittiv anti-dumping ta' 62,9% applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju.

(49) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li jkunu daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament li jagħti bidu, għandhom jinġabru dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati ta' ċerti drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja.

4. TALBIET GĦAL EŻENZJONI

(50) Kif intqal fil-premessa (9) ħadd mill-produtturi fiż-żewġ pajjiżi kkonċernati ma ppreżenta ruħu wara l-bidu tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, ma saru l-ebda talbiet għal eżenzjoni mill-estensjoni possibbli tal-miżuri skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(51) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-produtturi fit-Tajwan u t-Tajlandja li ma ppreżentawx ruħhom f'dan il-proċediment u li ma esportawx il-prodott investigat lejn l-Unjoni fil-PR u li jikkunsidraw li jagħmlu talba

għal eżenzjoni mid-dazju anti-dumping estiż skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku, se jkollhom jimlew kwestjonarju biex jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi jekk eżenzjoni tistax tkun ġustifikata. Din l-eżenzjoni tista' tingħata wara l-valutazzjoni tal-qagħda tas-suq, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, l-akkwist u l-bejgħ u l-probabbiltà tat-tkomplija tal-prattiki li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti u l-evidenza ta' dumping. Il-Kummissjoni normalment twettaq ukoll żjara ta' verifika fil-post. It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni, bl-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u l-bejgħ.

(52) Meta eżenzjoni tkun mistħoqqa, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, tipproponi l-emenda tal-miżuri estiżi fis-seħħ skont dan. Sussegwentement, kull eżenzjoni mogħtija tkun immonitorjata biex tkun żgurata l-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fiha.

5. ŻVELAR

(53) Il-partijiet kollha interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Wara l-iżvelar, ma waslux kummenti mingħand id-Dipartiment tal-Kummerċ Barrani fil-Ministeru tal-Kummerċ tat-Tajlandja. Huma talbu li titqies ukoll l-istatistika ta' importazzjoni u esportazzjoni Tajlandiża ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ. L-istatistika pprovduta mill-awtoritajiet Tajlandiżi tqieset u nstab li kienet għajn ta' informazzjoni utli. Madankollu, finalment ġie deċiż li ma tintużax għas-sejbiet definittivi peress li d-dejta tal-COMEXT u l-istatistika nazzjonali Ċiniża wrew xejriet iktar koerenti. B'hekk l-argumenti ppreżentati ma wasslux għal modifika tas-sejbiet definittivi.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" impost permezz tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 791/2011 fuq importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, ta' daqs taċ-ċellula ta' iktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m$^2$, esklużi d-diski tal-ħġieġ tal-fibra, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet ta' drappijiet b'malja miftuħa tal-fibri tal-ħġieġ, ta' daqs taċ-ċellula ta' iktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m$^2$, esklużi diski tal-ħġieġ tal-fibra, ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le, u li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7019 51 00 u ex 7019 59 00 (kodiċijiet TARIC 7019 51 00 12, 7019 51 00 13, 7019 59 00 12 u 7019 59 00 13).

2. Id-dazju estiż permezz tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinġabar għall-importazzjonijiet ikkunsinjati mit-Tajwan u t-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajwan u t-Tajlandja u sew jekk le, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 437/2012 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. It-talbiet għal eżenzjoni mid-dazju estiż skont l-Artikolu 1, isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta l-entità li qed titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N-105 08/20
1049 Brussels
Belgium
Faks (32 2) 295 65 05

2. B'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-Kummissjoni tista', wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv, tawtorizza b'deċiżjoni l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma evitawx il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (UE) Nru 791/2011, mid-dazju estiż bl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet tad-dwana huma b'dan ordnati li jtemmu r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 437/2012.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*